**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**INFERJURI CIVILI**

**MAGISTRAT:**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**SEDUTA TAT-22 TA' MARZU 2002**

**Avviz nru. 46/98**

**Raphael Refalo**

**vs**

**Maltacom plc**

Il-Qorti,

Fl-avviz prezentat fis-16 ta' April 1998, l-attur talab prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta illi huwa ghandu jghati is-somma ta' Lm570.95 ghall-uzu ta' telefon fil-fond "Gallery of Fine Arts" Pjazza John F. Kennedy, Victoria, hija infondata ghaliex fil-fatt huwa m'ghamilx uzu minn dan it-telefon kif pretiz mis-socjeta konvenuta, jigi wkoll dikjarat illi huwa, l-attur, m'ghandu jhallas xejn; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni nru.34/98 fl-ismijiet premessi.

Is-socjeta konvenuta rrispondiet illi l-ammont pretiz kif imsemmi fl-avviz huwa tabilhaqq dovut kif pretiz mis-socjeta konvenuta; bl-ispejjes.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-process;

Ikkonsidrat.

L-attur qieghed jikkontesta kont ta' servizz ta' telefon provdut mis-socjeta' konvenuta fil-fond "Gallery of Fine Arts" gewwa Victoria, Ghawdex. Difatti hekk xehed l-attur folio 11: li zmien minnhom kien ircieva kont ta' Lm570.95 fuq dan is-servizz tat-telefon illi kellu nstallat fil-fond liema kont ma dehrlux li kellu ihallsu stante li allega li l-apparat kellu xi hsara konsistenti f'crossed lines b'hekk li kienet qed tintuza il-linja tieghu minn terzi.

Illi din l-allegazzjoni minn imkien mill-atti ma tirrizulta, lanqas remotament. Il-provi kuntrarjament juru li l-ammont kien jirrapresenta hlas dovut ghat-telefonati li fi stragrande maggoranza taghhom saru konsistentement ghall-esteru u telefon cellulari kif jirrisulta ben car mill-prospett 'JDB' esebit mis-socjeta' konvenuta (folio 17 et seq).

Dak li jirrizulta oltre hu li l-attur hallas fil-mori tal-kawza somma ta' Lm172.06 li mill-fattura relattiva jirrizulta li giet accettata "akkont". Hi x'inhi pero' l-posizzjoni fir-rigward dan il-hlas l-attur certament ma ppruvax li l-ammont bilancjali mhux dovut minnu.

Ghaldaqstant u in vista li l-attur ma ppruvax it-talbiet tieghu kif mitluba fl-avviz il-Qorti qeghdha konsegwentement tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjes kollha kontra tieghu.

(ft) A.M.Trigona
Magistrat

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur